# BirdLife Malta tibda azzjoni legali wara li l-Qafas Legali tal-insib għall-għasafar tal-għana ddaħħal fis-seħħ bla konsultazzjoni pubblika

## Il-Kummissjoni Ewropea għandha teskala l-Proċedura ta' Ksur kontra Malta

BirdLife Malta llum ressqet Protest Ġudizzjarju kontra l-Ministru għal Għawdex, il-Ministru għall-Ambjent, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li fih talbet lill-qrati Maltin biex jirrevokaw il-qafas legali li jippermetti aktar minn 2,500 nassab li jipprattikaw l-insib illegali għall-għasafar tal-għana taħt il-paraventu ta' proġett ta' 'riċerka' xjentifika, hekk kif dan il-qafas legali seta' jiddaħħal fis-seħħ biss wara perjodu ta' konsultazzjoni pubblika.

Il-Protest, li nfetaħ minn Dr. Claire Bonello f'isem BirdLife Malta, jakkuża lill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri li b'qerq ipprova jdur mar-rekwiżiti stipulati mill-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent ta' Malta li jesiġi li regolamenti bħal dawn ikunu soġġetti għal eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika qabel jiġu ppubblikati. Il-Liġi Qafas li tippermetti d-deroga għall-insib tal-għasafar tal-għana għal skopijiet 'xjentifiċi' (A.L. 394 tal-2021) inħarġet ftit sigħat biss qabel il-ftuħ tal-istaġun fl-20 ta' Ottubru, mingħajr il-perjodu mandatorju ta' konsultazzjoni pubblika ta' erba' ġimgħat kif tgħid il-liġi. Tul l-aħħar laqgħa tiegħu, il-Kumitat ORNIS kien għadda mozzjoni u qagħad lura milli jagħmel rakkomandazzjoni fuq l-istaġun, minħabba li għaddejjin il-proċeduri ta' ksur tal-Unjoni Ewropea (UE). Liġijiet Qafas jissettjaw il-parametri li fl-ambitu tagħhom jistgħu jinfetħu staġuni tal-insib u l-kaċċa. Il-liġi qafas dwar id-deroga tar-'riċerka' reġgħet inħarġet mill-ġdid inqas minn ġimgħa wara li fl-14 ta' Ottubru kienu ġew imħassra r-regolamenti tas-sena li għaddiet.

Mil-lum għal għada aktar minn 2,500 nassab ingħataw promozzjoni għal 'riċerkaturi' b'liċenzja speċjali, li kapaċi joperaw f'firxa daqstant wiesgħa ta'

mnasab madwar Malta u Għawdex. Dawn l-imnasab awtorizzati huma mifruxa fuq art privata u ta' terzi, inkluż art tal-gvern u nħawi protetti bħal Zoni Speċjali ta' Konservazzjoni u Zoni ta' Protezzjoni Speċjali li jaqgħu taħt in-netwerk Natura 2000.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Ħadd mhu 'l fuq mil-liġi. Kemm il-Ministru għall-Ambjent u anke l-Ministru għal Għawdex għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ il-liġijiet ambjentali u aħna nemmnu b'qawwa li huma kisru l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent meta daħħlu fis-seħħ liġi mingħajr perjodu ta' konsultazzjoni pubblika. Hawnhekk qed nitkellmu fuq attività mifruxa madwar il-pajjiż kollu li ssir kemm fuq art privata u anke art pubblika, anke f'siti Natura 2000, għad-detriment tal-kumplament taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin. Biex tkompli tgħaxxaqha, iċ-ċittadini ma ngħatawx l-opportunità li jiġu kkonsultati anke jekk il-liġi tesiġi dan."

L-istaġun tal-insib ta' din il-ħarifa huwa t-tieni tentattiv minn Malta biex tiġġustifika l-insib għall-għasafar tal-għana għal skopijiet ta' 'riċerka', wara li l-istaġun tas-sena li għaddiet wassal għall-ftuħ ta' proċedura ta' ksur mill-Kummissjoni Ewropea (KE) f'Diċembru 2020. Il-Wild Birds Regulation Unit ma rnexxilhiex tiġġustifika l-proġett ta' 'riċerka' mal-Unjoni Ewropea f'diversi okkażjonijiet, bil-Kummissjoni Ewropea ma jifdlilha l-ebda għażla ħlief li tibgħat it-tieni twissija fuq din il-prattika f'Ġunju li għadda.

Mark Sultana kompla: "Il-Gvern falla milli jiġġustifika l-iskuża tar-'riċerka' dwar l-għasafar tal-għana mal-KE. Meta l-proċedura ta' ksur ġiet eskalata, minflok għamel dak li kien ovvju u temm din l-assurdità, il-Gvern insista li jkompli jisfida lill-Kummissjoni. Din id-deroga tmur kontra d-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar, l-Acquis Communautaire tal-UE li Malta ntrabtet bih meta daħlet membru tal-UE, u anke kontra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-2018 li sabet lil Malta ħatja talli fetħet staġuni tal-insib għall-għasafar tal-għana fis-snin ta' qabel."

Is-sitwazzjoni attwali b'eluf ta' mnasab joperaw u jaqbdu l-għasafar tal-għana qed tirriżulta fil-qtil ta' eluf ta' għasafar li qed jispiċċaw b'mod permanenti fil-gaġeġ taħt l-iskuża tar-'riċerka'. Tul l-aħħar ġimgħat, aħna rrappurtajna lill-pulizija diversi attivitajiet illegali – minn qbid illegali tal-għasafar tal-għana sa kummerċ illegali tagħhom. L-azzjonijiet tagħna u dawk tal-Committee Against Bird Slaughter (CABS) s'issa wasslu biex ġew ikkonfiskati aktar minn 500 għasfur tal-għana mill-pulizija sa mill-bidu tal-istaġun.

BirdLife Malta tenniet il-pożizzjoni tagħha lill-Kummissjoni Ewropea tul l-aħħar ġimgħat, u talbet li l-każ jiġi riferut b'mod immedjat u effettiv

quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ). L-azzjonijiet tal-Gvern li jimplimenta leġiżlazzjoni mingħajr il-proċess obbligatorju ta' konsultazzjoni pubblika, u l-insistenza tiegħu li jkompli jirredikola r-riċerka xjentifika bil-qtil ta' eluf ta' għasafar protetti, huwa sinjal ċar li l-UE għandha tintervjeni biex tirregola s-sitwazzjoni u tiżgura quddiem il-Qorti Ewropea li Malta terġa' tiġi konformi mad-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**
- Mappa li turi l-imnasab reġistrati din is-sena (ara wkoll ir-ritratt mehmuż)
- Tagħrif dwar id-derogi tal-insib

**Ritratti mehmużin:**
1. L-imnasab awtorizzati fl-2021 jinkludu 3,000 'stazzjon tar-riċerka' mifruxin fuq art privata, ta' terzi, jew tal-gvern, fosthom siti Natura 2000
2. Id-deroga tal-insib għall-għasafar tal-għana nfetħet mingħajr konsultazzjoni pubblika. BirdLife Malta tibda azzjoni legali kontra l-Gvern
3. Għasafar tal-għana kkonfiskati waqt rejd riċenti kontra l-insib illegali

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/-r1fRqRG8pk**
- Ir-riżultat ta' rejd fuq proprjetà f'Għawdex minn fejn ġew ikkonfiskati madwar 300 għasfur tal-għana li ġew traffikati lejn Malta f'Settembru